**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 304/2018*

**Il-Pulizija**
**(Supt.George Cremona)**
**(Spettur Omar Zammit)**

**-vs-**

**Joelle Galea, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 260584M**

**Illum:** 12 ta' Marzu, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Joelle Galea u cioe` talli:

1) Nhar it-08 ta` Mejju, 2018, bejn 09:00hrs u 11:30hrs f`dawn il-gzejjer Maltin, irrendiet ruħha komplici billi xjentement ordnat lil Ronald Mallia ID: 474287M u/jew ġiegħlet lill-istess Ronald Mallia b'mezz ta rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew ghemil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorita` jew setgha, inkella li tkun taghtu struzzjonijiet biex isir d-delitt u/jew xewwixtu inkella sahhet l-volonta` tieghu, jew weghdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah, meta Ronald Mallia ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sehhx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jibdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur tal-Artiklu 42(a)(b)(e) u l-Artiklu 110(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrendiet ruħha komplici billi xjentement ordnat lil Ronald Mallia ID: 474287M u/jew gieghlet lill-

istess Ronald Mallia b'mezz ta rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew ghemil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorita` jew setgha, inkella li tkun taghtu struzzjonijiet biex isir d-delitt u/jew xewwixtu inkella sahhet l-volonta` tieghu, jew weghdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah meta Ronald Mallia, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lill-haddiema tal-Gozo Channel u lil haddiehor biza li ser tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-propjeta` taghhom meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser jikkaguna lill-istess persuni hekk jibzghu u dan bi ksur tal-Artikli 42(a)(b)(e) u 251(3) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrendiet ruhha komplici billi xjentement ordnat lil Ronald Mallia ID: 474287M u/jew gieghlet lill-istess Ronald Mallia b'mezz ta rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew ghemil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorita` jew setgha, inkella li tkun taghtu struzzjonijiet biex isir d-delitt u/jew xewwixtu inkella sahhet l-volonta` tieghu, jew weghdtu li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah meta Ronald Mallia, permezz ta xi network jew apparat ta komunikazzjoni elettroniku, hedded li jaghmel xi reat jew ghamel uzu iehor mhux xieraq u dan bi ksur tal-Artiklu 42(a)(b)(e) tal-Kap. 9 kif ukoll tal-Artiklu 49(a)(c) ta' Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta ;

4) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrendiet ruħha komplici billi xjentement ordnat lil Ronald Mallia ID :474287M u/jew giegħlet lill-istess Ronald Mallia b'mezz ta rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew ghemil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorita` jew setgha, inkella li tkun taghtu struzzjonijiet biex isir d-delitt u/jew xewwixtu inkella sahhet l-volonta` tieghu, jew weghdtu li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah meta Ronald Mallia uza xi network jew apparat tal-komunikazzjonijiet elettronici fornuti minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak fornut ghalih, jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss u dan bi ksur tal-Artiklu 42(a)(b)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-Artiklu 48(1)(d) ta' Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Talli nhar 14 ta' Mejju, 2018, ghall-habta ta 17:00hrs, gewwa il-Lock Up tal-pulizija kellha fil-pussess taghha d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif

provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Talli naqset milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti ta' Malta, b'digriet mahrug minn Magt. Dr. Charmaine Galea LL.D., datat 22 ta' Frar, 2018, li biha hija nghatat il-helsien mill-arrest fuq diversi kondizzjonijiet fosthom li ma tikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li tkun mehlusa mill-arrest u dan bi ksur tal-Artiklu 579(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna lil l-imsemmija Joelle Galea tibqa' tinzamm arrestata. Kif ukoll tordna li d-depozitu ta' hames mitt ewro €500 kif ukoll s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata m'ghandha l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

**RPC3175 Josette Spiteri,** xehdet li fit-8 ta' Mejju, 2018, fil-10:52am fil-*control room* tad-depot dahhlet telefonata fuq il-112 li tghid ***"Karozza bomba tiela fuq il-Gozo ferry"***. Il-vuci kienet wahda maskili. **It-telefonata giet registrata fil-10:52am.**[1] Traskrizzjoni tat-telefonata tikkonferma dan.[2]

**Is-Supretendent Antonello Grech** xehed kif fuq il-linja 112 nhar it-8 ta' Mejju, 2018, dahhlet telefonata li kien hemm karozza bomba fuq il-vapur tal-Gozo

---

[1] **Dok.JS** a fol.48A
[2] Fol.120

Channel.[3] Persuni li kienu fuq vapuri fic-Cirkewwa u l-Imgarr gew evakwati kif sar ukoll man-nies fil-*marshalling areas* u fit-*terminals* rispettivi. It-telefonata saret minn Pjazza San Gwann, il-Belt. Ingabbru *cctv footages* u l-pulizija ddentifikat lil Ronald Mallia bhala l-awtur tat-telefonata. Dan ammetta u sahaq li kienet l-imputata li qabditu jcempel u weghditu €1,000; qaltlu jaghmel dan sabiex tevita milli tattendi ghall-appuntament mal-*probation officer*.[4]

**L-Ispettur George Cremona** filwaqt li provda l-istess dettalji dwar l-investigazzjoni, kompla li kien inkariga lil PC742 Chris Portelli jaghmel *recording* tat-telefonata in kwistjoni,[5] liema *recording* gie esebit fuq USB flimkien mal-*password* biex tigi accessata l-USB.[6] **PC742 Christopher Portelli** kkonferma li din it-telefonata kien ghamel *downloading* taghha mis-sistema tal-PAPX.[7]

**George Borg,** Operations Manager fi hdan il-Gozo Channel, xehed kif kien gie nfurmat mis-Supretendent Antonello Grech li d-Depot kienu nfurmawh b'theddida ta' bomba fuq il-vapuri. Id-*duty managers* tat-*terminals* fl-Imgarr u fic-Cirkewwa gew infurmati w inbdiet l-evakwazzjoni minn fuq il-vapuri fejn anke twaqqaf is-servizz.[8] L-ahhar vjagg kien sar fl-10.30am, bil-vjaggi tal-11:15am sa dak tal-1.30am ma jsirux. Regghu bdew il-vjaggi fis-2.30pm mic-Cirkewwa u mill-Imgarr fit-02:45pm.[9]

**L-Ispettur Omar Zammit** iddeskriva l-investigazzjoni li saret wara li dahhlet din it-telefonata. Ronald Mallia kien ammetta mieghu li Galea weghditu €1,000 u dan bil-ghan li tevita milli tinzel Malta ghall-appuntament li kellha mal-*probation officer* li kien iffissat ghal dakinhar stess. Irrizultaw telefonati bejn Galea u Mallia, liema hinijiet kien indikahom Mallia fl-istqarrija li rrilaxxa mal-pulizija.[10] L-imputata giet interrogata fejn cahdet li gieghlet lil Mallia jaghmel din it-telefonata. Kienet ghamlet *urine test* l-OASI fejn insabet pozittiva ghad-droga. Qabel ma ddahhlet il-lock up saret tfittxija fuqha fejn instab *foil* fejn probabilment harqet l-erojina fih.[11] Il-*foil* kien antik. Gew prezentati audio-visual CDs tal-interrogazzjoni taghha.[12] In kontro-ezami jixhed li Mallia tah in-

---

[3] Fol.18
[4] Fol.19
[5] Fol.49-50
[6] **Dok.GC** a fol. 52
[7] Fol.56
[8] Fol.162
[9] Fol.163
[10] **Dok.OZ** a fol.36 et seq
[11] **Dok.OZ1** a fol.40
[12] **Dok.OZ2** a fol. 41

numru tieghu 77232311 u iehor indikat fl-istqarrija [77723723] filwaqt li Galea taghtu wkoll n-numru taghha.[13]

**WPC284 Therese Vella** ssemmi kif minn tfittxija li saret fil-*handbag* tal-imputata instabet bicca *foil* mahruqa li fiha kien hemm tracci kannella suspettati li kienu tracci ta' droga erojina.[14]

**Annabelle Bugeja**, ufficjal tal-probation, spjegat kif kienet qed issegwi lil Galea fuq ordni tal-Magistrat Dr. Charmaine Galea. Fit-8 ta' Mejju, 2018, kellha appuntament skedat magha **fil-11:30am** izda hi ma attendietx. Cemplitilha Galea u nfurmatha li kien hemm theddieda ta' bomba fuq il-vapur tal-Gozo Channel. Baghtitha thalli *urine sample* l-OASI u din hekk ghamlet. Meta kkonfrontatha bil-fatt li nstabet pozittiva ghall-erojina u ghall-kokajina, Galea cahdet li dan kien minnu.[15] In kontro-ezami, murija lista ta' telefonati minn u lejn il-mobile li jappartjeni lill-imputata,[16] tindika a fol.68, **telefonata li saret lill-ufficcju tal-probation services, 22951325 fil-11:29:43am.**[17] Din tirrizulta li saret minn fuq in-numru 99344440 li kien in-numru tac-cellulari li l-imputata taghat lill-*probation officer*. Filfatt dik il-call hi ndikata bhala MOC (*mobile originating call*).

Analizi tal-*call profile* ta' Galea turi numru ta' telefonati ohra li saru mill-mobile ta' Galea lejn l-ufficju tal-Probation fil-14:41:39am u 15:18am. L-ufficju jirrizulta li cempel lill-cellulari tal-imputata (MTC-*mobile terminating call*) fl-14:42:04hrs u 15:16:48hrs.[18]

**Noel Scerri**, in rapprezentanza tal-OASI Foundation, spjega kif fuq talba tal-*probation officer* tal-imputata, ttiehed *urine test.* Dan sar xi 2pm jew it-3pm tat-8 ta' Mejju. It-test irrizulta pozittiv ghall-kokajina w erojina.[19]

**Il-Professur Emanuel Sinagra** kkonferma li fuq *foil* li giet mghoddija lilu fuq ordni tal-Qorti, instabu tracci tal-erojina.[20]Dwar l-istess *foil* xehed **PC169 Jurgen Schembri** li spjega li ma nstabu l-ebda impronti digitali vizibbli.[21]

---

[13] Fol.33-34

[14] Fol.58-59

[15] Fol.42-43

[16] **Dok.MG** a fol.66

[17] Ghalkemm fit-transcripts jigi indikat li s-sekondi kienu 34 meta mill-informazzjoni moghtija mill-Vodafone il-hin hu 11:29:**43**

[18] Fol.69

[19] Fol.143-144

[20] Fol.146-147; Rapport **Dok.ES** a fol.148 et seq.

[21] Fol.157 et seq.

**Ronald Mallia** xehed li kif spicca mill-Qorti xi 10am-10.30am, cemplitlu Joelle u *"Qaltli biex incempel lil Gozo Channel ghax hi kellha Probation Officer u halli ma tinzilx hawn Malta biex il-vapur jieqaf tipo biex naghmel it-telefonata u kienet ser thallasni biex naghmilha?.... **Elf ewro....qaltli kif taghmilha naghtik il-flus.".*[22] Kien ilu hbieb mal-imputata ftit xhur, gieli ltaqaw u kienu jikkomunikaw b'messaggi. Flus ma kienx lahaq thallas peress li gie arrestat.[23] It-telefonata ghamilha minn *telephone booth* hdejn il-bieb tal-Kattidral. Mallia jghid li l-imputata cemplitlu darbtejn ghalkemm ma jiftakarx il-hin, ***"Darbtejn, il-hin ezatt ma niftakrux....Xi l-ghaxra u nofs, dak il-hinijiet."***[24] L-ewwel darba qaltlu jcempel sabiex hi ma tkunx tista' tigi Malta biex taraha l-*Probation Officer* u qaltlu *"Ghax kienet imcappsa...Bid-droga"*.[25] Rega' sar kuntatt maghha *"Bdiet tghidli jekk jogghbok u x'naf jien, **qaltli ha naghtik xi haga ohra....Iktar minn elf u spiccajt ghamilt t-telefonata.".***[26] Wara regghet cemplitlu w qaltlu li ***"kollox orrajt tipo, hi kienet qeghda hemmekk fil-que u l-vapur waqaf.".*** Wara li saret it-telefonata ikkomunikaw kemm fuq Facebook kif ukoll b'messaggi.[27]Ikompli ***"Qaltli li kienet fil-que, li tipo rnexxiet, mhux niezla.... Imbaghad kienet qaltli li meta ser tinzel Malta kienet ser taghtini l-flus.".***[28]

In kontro-ezami jghid li kien ilu jaf lil Joelle madwar 5 xhur u ltaqaw minhabba l-vizzju tad-droga.[29]Kien hbieb maghha ghalkemm kien anke jaf lil zewgha. Ma jiftakarx li qatt kelmitu dwar il-problemi fiz-zwieg taghha. Jichad li qatt qalilha titlaq lil zewgha.[30]Kienu hbieb biss ghalkemm kienet toghgbu bhala tfajla.[31]Kien ikun hemm hafna kommunikazzjonijiet bejniethom izda ma jiftakarx dwar xhiex kienu jitkellmu, anke jekk dawn it-telefonati kienu jsiru fis-sighat bikrin ta' filghodu.[32] In ri-ezami jikkonferma li kienu jitkellmu bhala hbieb anke fuq droga.[33]

Fl-ewwel interrogazzjoni taghha, Joelle Galea taghti n-numru tal-mobile taghha bhala dak ta' <u>99344440</u>; kien ilu ghandha xahrejn.[34] Tghid li fit-8 ta' Mejju, 2018, kellha appuntament mal-*probation officer*. Kienet tard peress li l-appuntament

---

22 Fol.166-167
23 Fol.167
24 Fol.168
25 Fol.168
26 Fol.169
27 Ibid.
28 Fol.170
29 Fol.182
30 Fol.183
31 Fol.184
32 Fol.185
33 Fol.186
34 Fol.86

kien fid-9am u ppruvat taqbad il-vapur tat-8:15am.[35] Ippruvat iccempel lil Mallia meta kienet ghada fil-kju biex taqbad tat-8:15am kif ukoll cemplitlu wara biex tghidlu li ma niezlitx peress li kienu ssoltu jiltaqaw meta tkun Malta.[36] Tkompli li meta regghet cemplitlu dan kien *"The afternoon, late afternoon"*.[37] Tichad li qabdet lil Mallia jaghmel it-telefonata u tghid li kienet *broke* ghalkemm gieli taghtu flus[38] Tistqarr li kelmitu f'xi hin fit-8:15am u *"In the afternoon in Gozo"*.[39] Ikkonfrontatha bil-fatt li kienet **telqet mill-kju fl-Imgarr fl-istess hin li saret it-telefonata –** u dan kif turi il-*localization data* – **ma taghtix spjegazzjoni ghat-telefonati maghmulha bejniethom.[40]**

**Ghalkemm Galea tinsisti li cemplet lil Mallia wara nofsinhar, minn analizi tat-telefonati maghmula minn Galea, l-ewwel telefonata li din ghamlet lil Mallia turi li saret fil-10:33:55am, filwaqt li Mallia baghtilha sms fil-05:58:40am u fil-09:54:37am. Regghu ikkomunikaw fl-10:52am u fil-11:06am; altru` li mhux wara nofsinhar kif tistqarr fl-interrogazzjoni![41]**

Dwar il-*foil* li nstabet fuqha tibda biex tghid *"There's nothing ta on it, lanqas tracci imma whatever"*, izda tikkonferma li din ittiedhet *"From an old pouch that was in my bag"*. Tinsisti li ma qabditx lil Mallia jaghmel it-telefonata.[42] Dwar it-test li sar l-OASI tghid *"Negative gie...Ghandi r-ritratt. Alla jbierek wara jcempluli jghiduli gie positive, ghandi r-ritratt."*.[43]

Fit-tieni stqarrija, tinsisti li meta tkellmet ma Mallia kien biss fuq *"cucati"* u kienu jitkellmu ta' kuljum.[44] Il-vettura taghha kienet Passo bin-numru CCJ132.[45] Meta l-vapur ma hadimx infurmat lill-ommha u lill-*probation officer*, Annabelle Bugeja. Din qaltilha li setghet tmur ghall-appuntament maghha sat-3:30pm. Fis-2pm Bugeja cemplitilha qatilha li setghet tmur l-OASI u taghti kampjun hemm.[46] Tghid li sa hames gimghat qabel kienet ghamlet uzu mill-kokajina u b'hekk l-*urine test* gie *positive*.[47] Galea tinnega li kienet hi li nstigat lil Mallia jaghmel it-telefonata u tishaq li hu ghamilha minn rajh peress li kien jaf

---

[35] Fol.88-89
[36] Fol.91
[37] Fol.92
[38] Fol.95
[39] Fol.96
[40] Fol.96-99
[41] Tab Switch Cdrs. CD a fol. 74
[42] Fol.101
[43] Fol.102
[44] Fol.106
[45] Fol.107
[46] Fol.110
[47] Fol.114

li hi kienet ser tinzel Malta sabiex tirranga ma zewgha. Tistqar, *"I was going down to Malta also to make, to make peace with my husband, all right, he knew it that day, he knew it, he didn't want me to get to Malta full stop not because of the probation officer. He did not want me to get home.....He did not want me to get home. He knew I was fighting with my husband, he knew i wanted to go back and make peace and he didnt want me to leave Gozo. It has nothing to do with the probation officer"*. Wasslet ghal din il-konkluzzjoni wara li hasbet x'gieghlu jaghmel haga bhal din.[48] Fi tmiem tal-istqarrija taghha tammetti li fuqha nstabet bicca *smack* li kienet harqet zmien qabel *"it was smack, it's old, it's burnt...Heroin"*.[49]

Sinifikanti hu li fil-kors ta' din l-istqarrija l-imputata tistqarr (i) li kienet ipparkjat il-vettura taghha fejn il-*kiosks* biex tiffranka l-flus u titla' bhala passiggiera **minghajr vettura** u (ii) kienet ser taqbad il-vapur tat-**08:15am**.[50] **Meta sussegwentement tixhed *viva voce*, din il-verzjoni tinbidel!.**

L-imputata ghazlet li tixhed u ddeskriviet li kienet ilha taf lil Mallia bejn sentejn jew tlett snin u dan ghaliex kien jforni lilha u lill-zewgha bid-droga. Semmiet kif fis-sena 2018 kienet intliet dejn, iz-zwieg taghha sfaxxa u serqet *credit cards* tal-genituri taghha. Dan wassal sabiex titkecca mill-blokka fejn kienet tirrisjedi u titlaq tghix wahedha l-Qala filwaqt li zewgha mar jghix mal-genituri tieghu. Tressqet il-Qorti w inhareg ordni ta' supervizjoni fejn il-*probation officer,* Annabelle Bugeja, kienet issegwiha inkluz billi igghelha tissotometti ghall-*urine tests* regolari.[51] L-uniku habib taghha kien Ronald Mallia u mieghu kienet tiftah qalbha. Hemmhekk dan beda juri interess fiha u anke prova jbusha izda hi ma rieditx hlief hbiberija.[52] Mallia beda jkun possessiv u sahansitra jghidilha x'ghandha tilbes u kif taghmel xagharha.[53]

Jinghad minn issa li prova ta' dan kollu baqghet ma ngabitx.

Galea tkompli li xorta zammet relazzjoni tajba ma Mallia peress li kien igibilha drogi fejn kienet tinzel Malta ghalihom. Il-*weekend* ta' qabel il-jum li fih saret it-telefonata, Mallia kien mar Ghawdex u hadilha d-droga, filwaqt li kien qed jghina fl-appartament taghha. Mallia kien jaf li kienet qed tipprova tirranga ma zewgha u li bejn it-Tnejn u l-Erbgha kellhom jergghu jiltaqaw biex jitkellmu; kien jghidilha kontra zewgha u jipprova jipperswadiha ma tirrangax ma

[48] Fol.116
[49] Fol.118
[50] Fol.108-110
[51] Fol.188-189
[52] Fol.190
[53] Fol.191

zewgha.[54] Peress li kienet tkun taht l-effett ta' droga ma kienitx torqod u kienet tghaddi il-lejl tikkomunika ma Mallia.[55]

Nhar it-8 ta' Mejju, kellha tinzel Malta tiffirma l-*bail book* l-Ghassa ta' tas-Sliema kif ukoll biex tiltaqa' mal-*probation officer.*[56] Riedet ukoll tinzel biex tiltaqa' ma zewgha w ggib aktar drogi.[57]Mallia kien jaf b'dan kollu w kien irrabja, *"He got very irritated about it, I got, I needed to meet him anyway because I needed to get my stuff. I told him the next boat I'm catching, he called back swearing at me and he told me I'm not going to meet you. And that was the last I heard of him…. It was in the morning before ten o'clock (10:00)…. Roughly around between ten (10:00) and eleven (11:00)."*[58] Kif wasslet bil-vettura taghha biex tidhol fil-kju ghall-vapur rat kommozzjoni w giet mgharrfa mill-pulizija biex iddur lura. Semghet lin-nies jghidu li kien hemm bomba. Kif saret taf li ma kienx ser jirnexxielha tinzel Malta, cemplet lill-ommha u lil Annabelle.[59] Fil-11:29am cemplet lil Bugeja u nfurmatha li ma setghetx tinzel Malta. Bugeja qaltilha li kienet tistenniha sat-3:30pm izda meta rat li sa dak il-hin il-vapur ma kienx ghadu qed jahdem, Bugeja qaltilha tmur taghmel t-test l-OASI.[60]

Il-*call profile*[61] ta' Galea juri li l-ufficju tal-probation cempel lill-imputata fil-1:41:44pm, b'Galea iccempel l-ufficcju fil-2:41:29pm u fit-3:18pm filwaqt li rceviet telefonati mill-ufficju fil-2:42:04pm u 3:16:48pm. Fi kliem l-imputata kienet cemplet u gharrfet lil Bugeja li ma setghetx tinzel Malta fil-11:29am izda marret l-OASI bejn is-2pm-3pm.

Kif gja gie accennat, fl-istqarrijiet taghha, Joelle taghti **verzjoni ghall-kollox kontrastanti** u tghid li kienet niezla Malta **minghajr vettura** u li kienet ser taqbad vapur hafna aktar kmieni! Ghaliex dan il-bdil fil-verzjoni?

Kienet qalet dan biex turi li kienet niezla Malta bla vettura: *"Ghax kull darba li thallas fifteen seventy…**nipparkja l-karozza imbghad nimxiha…Kont ha nipparkja l-karozza, diga kont qeghda fil-kju biex nidhol fit-term** imma mort emm, mal-kiosk **nipparkja hemm u kont ha nitla bil-mixi biex niffranka l-flus.".*** Issemmi li l-vapur kien tat-8.15am jew dak ta' wara it-8.15am.[62] Filwaqt li fix-xhieda taghha tghid li ghamlet telefonata lil Gozo Channel fil-11:13am biex tara

[54] Fol.192-194
[55] Fol.194
[56] Fol.195
[57] Fol.196
[58] Fol.197
[59] Fol.198
[60] Fol.199-200
[61] Switch crds
[62] Fol.108-109

setghetx titla' fuq l-*upper deck* bil-kelba, minflok tibqa fil-karrozza maghha fil-garage (*car deck*) tal-vapur.[63]

Ghalhekk fl-istqarrija l-kelba ma tissemma' mkien, propju peress li Joelle tistqarr li kienet ser taqbad il-vapur minghajr karozza u semplicement bhala passiggiera biex tiffranka l-flus! *Viva voce* imbghad tinsa' dak li kienet gja ddikjarat fl-interrogazzjoni u tghid li kienet niezla Malta bil-vettura taghha u ma xtaqietx thalli l-kelba fil-vettura tul il-vjagg ghax kienet bdiet is-shana.

Tkompli li wara marret il-flat taghha u bejn is-2pm u t-3pm marret l-OASI. Ma tiftakarx ezatt ghax f'dak iz-zmien kienet taht l-effett tad-droga.[64] Tghid li meta marret lura d-dar selfet il-vettura taghha lill-kaccatur; dan l-individwu jibqa' ma jigix identifikat![65]Tinnega li weghdet €1,000 lil Mallia peress li kienet *broke* tant li kellha hafna djun ma diversi persuni.[66] Galea tichad li talbet lil Mallia jaghmel it-telefonata u tinsisti li kellha bzonn tinzel Malta sabiex tiffirma u tigbor id-droga.[67] Wara dakinhar baqghet ma ratux u saret taf dwar it-telefonata li saret minn Mallia meta giet msejjha id-depot.[68]

In kontro-ezami tghid li baqghet hbieb ma Mallia peress li kien is-*supplier* taghha. Meta kienet turieh li ma rieditx relazzjoni mieghu *"he used to brush it off like a joke like u ijja"*.[69] Tikkonferma li kienet tiffirma nhar ta' Tnejn, l-Erbgha, l-Gimgha u s-Sibt. It-Tnejn ma kienitx iffirmat u kienet niezla t-Tlieta biex itihom c-certifikat, *"Monday, I wasn't in Malta for sure I wasn't"*[70].

Anke hawnhekk **l-provi jikkontradixxu lill-imputata**. Harsa lejn id-*data* pprezentata minn Marisa Gauci, is-CD,[71] turi li wara nofs il-lejl tal-ghodwa tat-8 ta' Mejju, 2018, Galea kienet qeghda Malta u ftit ftit bdiet tersaq minn Bugibba lejn ic-Cirkewwa ghall-habta tas-1am tat-8 ta' Mejju; sas-2am kienet ghada qed tinqabad mis-*cell tower* tac-Cirkewwa.[72] Ghaliex mhux tkun veritjiera l-imputata mqarr fuq dan id-dettal? Dan ikompli jimmilita kontra l-kreddibilita` taghha!

---

63 Fol.200-201
64 Fol.205
65 Fol.207
66 Fol.208
67 Fol.209
68 Fol.210
69 Fol.211
70 Fol.213
71 Fol.74
72 Vide CD a fol.74: Tab ***GPRS crds***; *Switch Cdrs; Switch Unsuccessful cdrs*

Tkompli tixhed li l-appuntament mal-*probation officer* kien *"Qabel nofsinhar (12:00) bilfors"*.[73] **Kif setghet tippretendi li tasal fil-hin ghall-appuntament skedat ghal 11:30am jekk kienet fil-kju fil-10:33am, il-hin li hi tghid li cemplet lil Mallia sabiex jiltaqa' maghha Bugibba,** minn fejn kellha taghmel waqfa biex tigbor id-droga? Possibbli ma kienitx taf li qatt ma kienet ser tkun fil-hin li kieku dan kien minnu?

Fil-fatt meta tixhed tghid li t-telefonata taghha lil Mallia, li saret fil-10:33am, kienet bi skop wiehed, u cioe` sabiex jiltaqa' maghha Bugibba biex itiha d-droga.[74] Galea tinsisti li kien hemm hafna telefonati bejniethom fejn beda jirrabja biex ma tinzilx Malta, jaqta' u jerga' jcemplilha:

| | |
|---|---|
| *"Xhud:* | *Ehe there was a lot of cuttings, swearing, cuttings, swearing.* |
| *Qorti:* | *Umbaghad reggha cempel?* |
| *Xhud:* | *Ehe.* |
| *Pros:* | *Jigifieri qed tghid li bejn it-telefonati kien hemm li qtajtlu u reggha cempilek, reggha qatgha, reggha cempilek?* |
| *Xhud:* | *We were fighting yes, jidghi, tinzilx.* |
| *Pros:* | *Taqtaghlu.* |
| *Xhud:* | *Naqtaghlu.* |
| *Pros:* | *Jerggha jcempilek.* |
| *Xhud:* | *U vice versa jigifieri."*[75] |

Issa l-analizi tal-*call profile*, ma jikkoroboraw bl-ebda mod din il-verzjoni; fil-fatt jirrizulta li qabel ma saret it-**telefonata fuq in-numru 112 fil-10:52am**[76], Mallia baghat sms lil mobile ta' Galea fil-09:54:37am; Galea cemplet lil Mallia fl-10:33:55am[77] u Mallia jerga' jcemplilha darb'ohra biss fl-10:52:14am.[78] Tajjeb jinghad li l-analizi turi li din it-telefonata maghulha fil-**10:52:14am inqabdet mis-*cell tower* gewwa ir-Rabat, Victoria**.[79] Meta Galea terga' iccempel lil Mallia 11:06:19am, l-eqreb *cell tower* hu dak tal-Arkadia.[80]

[73] Fol.213
[74] Fol.214-215
[75] Fol.215-216
[76] Fol.46. **Dok.JS** a fol.48A
[77] Fol.68
[78] Ibid.
[79] Ibid
[80] Ibid

**Il-Qorti tistaqsi: x'gieghla thalli gja` l-Port tal-Imgarr u tkun ir-Rabat (Victoria) fl-istess hin li saret it-telefonata lejn il-112? X'kien dak li nebbaha b'dak li kien ser jigri?**

Ghall-kuntrarju l-analizi tal-*call profile* tan-numru cellulari tal-imputata tikkorobra aktar il-verzjoni moghtija minn Mallia. Fil-fatt Mallia jghid li l-imputata cemplitlu darbtejn ghalkemm ma jiftakarx il-hin ***"Darbtejn, il-hin ezatt ma niftakrux....Xi l-ghaxra u nofs, dak il-hinijiet."***[81] It-telefonata fil-fatt tirrizulta li saret fl-10:33am. Mallia kien kompla li wara telaq lejn id-dar u Galea kienet infurmatu li *"kollox orrajt tipo, hi kienet qeghda hemmhekk fil-que u l-vapur waqaf"*. Fil-fatt l-analizi tal-*call profile* turi lil Joelle terga' ccempel lil Mallia fl-11:06:19am.[82] Kienu ikkomunikaw b'*"kemm telefonati u kemm messaggi* [83] dakinhar stess u jippreciza li ma jiftakarx min kien informa lil min li t-telefonata fil-fatt saret *"ma niftakarx ezatt jekk hux jien jew hi"*[84].

Ma jridx jintnesa li fl-ewwel stqarrija taghha, Joelle tghid li kkomunikaw bejniethom darba biss filghodu, x'hin kienet fil-kju meta kienu xi 08:15am[85] u wara nofsinhar. *"The afternoon, late afternoon"*[86] u *"In the afternoon in Gozo"*.[87] **Il-provi jaghtu storja ferm differenti!**

Bla dubbju dawn ir-rizultanzi jaghtu kreddibilita` lil Mallia; il-hinijiet tat-telefonati jikkoroboraw il-verzjoni tieghu. Tkellmu kemm meta ftehmu kif ukoll wara meta hi regghet cemplitlu biex tghidlu li l-pjan hadem! **Rilevantissimu hu l-fatt li meta taghmel din it-telefonata (Galea lil Mallia) fil-11:06am, u cioe` anqas minn ghoxrin minuta wara li saret it-telefonata (10:52am),** propju fil-hin meta skond ix-xhieda kienu qed jigu mobilizzati l-forzi tal-ordni sabiex jinbdew it-tfittzijiet, Galea kienet gja tinsab ir-Rabat tant li **fl-istess hinijiet li Mallia ghamel it-telefonata lid-depot fil-10:52am, meta jcempel lil Joelle fil- 10:52:14am, Joelle tinqabad mis-*cell tower* tal-Arkadia u fil-11:06am minn *cell tower* Victoria!!**

Mill-banda l-ohra, il-verzjoni ta' Galea tigi kontradetta kemm mill-provi prodotti u senjatament mill-*call profile* taghha, kif ukoll minn dak li stqarret mal-ufficjali investigattivi.

---

[81] Fol.168
[82] Fol.68
[83] Fol.169
[84] Ibid.
[85] Fol.92
[86] Fol.92
[87] Fol.96

Fil-fatt ghalkemm l-imputata tinsisti li Mallia kien ifissa fuqha, riedha titlaq lil zewgha u kien jghidilha kontrieh, baqghet ma ngabet l-ebda prova dwar dan. Ic-*chat*[88] li giet esebita mid-difiza, anzi turi li Joelle kienet qed taghmel tajjeb ghal dak dovut mhux biss minnha bhala hlas ghad-droga, izda anke minn zewgha meta taghmel riferenza ghal persuna *"rod"*. Fis-***Social Enquiry Report*** jirrizulta li zewgha jismu "Roderick".[89]F'messaggi mibghuta fil-5 t'April tghid dan: *"can you tell me how much rods bill is"*, *"so total me and him 1400"*. Tindika li ma kellhix flus *"I am completely CASH BRPKE [sic] and I have to go live in Gozo"*, *"his or mine same thing its called a marriage"*. Rilevanti hu li fl-istqarrija taghmel riferenza ghal zewgha bhal *"Ro"* ukoll: *"Mal-husband ghidtlu Ro, ghidtlu Ro..."*.[90] Ghalhekk ghalkemm hi tghid li Ronald riedha titlaq lill-zewgha, tul dawn il-messaggi meta evidentement qed issemmi lill-zewgha ma Mallia, minn imkien ma jirrizulta dak li tallega dwaru, la li Mallia kien iffissat fuqha u lanqas li kien jghidilha titlaq lill-zewgha.

**Stephanie Falzon** bdiet ix-xhieda taghha billi spjegat li kif hi u zewgha saru jafu li binthom kienet serqithom, Joelle tkecciet mill-blokka fejn kienet tirrisjedi maghhom. Ghamlet sforzi sabiex bintha tigi *clean* sabiex tkun tista tibda programm mal-Caritas.[91] Fit-8 ta' Mejju tghid li bintha cemplitilha xi 10am u qaltilha li qeghda fil-kju w wara qaltilha li kien hemm *bomb threat*. Ghalhekk hi qaltilha tavza lill-*probation officer* u izjed tard Joelle nfurmatha li kienet ser taghmel l-*urine test* l-OASI.[92] Illum il-gurnata Joelle qabdet it-triq it-tajba, ghandha impjieg u regghet qed tghix mal-genituri taghha. Dwar Mallia, Joelle ghadha ma tridx temmen li wasal jaghmel dan kollu ghax kienet tqisu bhala habib. Filwaqt li dwar is-serq Joelle ammettiet mill-ewwel maghhom, dwar dan il-kaz hi cahdet l-involviment taghha sa mill-bidu nett.[93] In-numru taghha hu 99475657 u fit-8 ta' Mejju kien hemm kuntatt kontinwu maghha.[94]

Provi

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghall-provi saljenti u senjatament ghall-*call profile* tal-imputata u l-*localization data*.

---

[88] Fol.292 et seq
[89] Fol.240
[90] Fol.101
[91] Fol.225-226
[92] Fol.227
[93] Fol.228
[94] Fol.229

(i) **It-telefonata lejn il-112 giet registrata fil-10:52am.**[95]

(ii) **Marisa Gauci** in rapprezentanza ta' Vodafone Malta Limited[96] pprezentat CD li turi il-*call logs* tac-cellulari numru 99344440 kif ukoll *localization data*.[97]

(iii) Din il-*localization data* toffri stampa ta' fejn kienet l-imputata f'hinijiet partikolari, u senjatament fil-hin li saret it-telefonata anonima fil-10:52am. Fuq talba tad-difiza Gauci esebiet *call profiles* mill-1 ta' Novembru sat-8 ta' Mejju, 2018.[98]

(iv) Minn analizi ta' dawn it-telefonati[99] kif ukoll mill-informazzjoni provduta minn Gauci[100] ghal jum tat-8 ta' Mejju, 2018, jirrizultaw is-segwenti fatti:

- Mallia baghat sms (MT SMS) lil Galea fil-09:54:37am

- **Galea cemplet lil Mallia fl-10:33:55am**.[101] L-eqreb *cell tower*[102] li qabad it-telefonata kien dak tal-Mgarr.

- **Mallia jcempel lil Galea 10:52:14am, meta t-telefonata giet registrata d-Depot propju fl-10:52am.**[103] Il-*localization data* tac-cellulari tal-imputata tindika li l-eqreb *cell tower* li jaqbad it-telefonata hu dak gewwa **Victoria.**[104] **Dan ifisser li l-imputata, propju fl-istess hin li saret it-telefonata fuq il-112 – 10:52am**[105] **– kienet gja` halliet il-Port tal-Imgarr u wasslet Victoria!**

  Il-Qorti ghalhekk bilfors tistaqsi: **Kellha premonizzjoni Galea?** Hi stess tammetti li kienet ir-Rabat ossia Victoria:

  *"Spettur George Cremona: Imbghad ma bqajtx l-Imgarr tlajt ir-Rabat*
  *Joelle Galea: Ezatt tlajt...*

---

[95] **Dok.JS** a fol.48A
[96] Fol.60 et seq.
[97] **Dok.MG** a fol. 74
[98] Fol.127. **Dok.MGZ** a fol. 129
[99] **Dok.MG** a fol. 66 et seq
[100] **Dok.MG** a fol.74. ***Switch cdrs***
[101] Fol.68
[102] Column H
[103] **Dok.JS** a fol.48A
[104] Ibid
[105] Fol.46. **Dok.JS** a fol.48A

*Spettur Omar Zammit: Ghaxar (10) minuti wara, ghaxar (10) minuti wara ergajt cempiltlu ...*
*Spettur George Cremona: U kont ir-Rabat ...*
*Joelle Galea: Allura?"*[106]

- **Galea terga' ccempel lil Mallia fl-11:06:19am.**[107] L-eqreb *cell tower* hu dak tal-**Arkadia**.[108] Mallia jghid li b'din it-telefonata Galea gharfitu li l-pjan kien hadem! Qaltlu ***"kollox orrajt tipo, hi kienet qeghda hemmekk fil-que u l-vapur waqaf."***.[109]Ikompli ***"Qaltli li kienet fil-que, li tipo rnexxiet, mhux niezla.... Imbaghad kienet qaltli li meta ser tinzel Malta kienet ser taghtini l-flus."***.[110]

- **Galea iccempel il-Gozo Channel fuq 22109000 fil 11:13:20am.**[111] Dan jappartjeni lil Gozo Channel.[112] Ghalkemm fix-xhieda *viva voce* (u **mkien fl-istqarrijiet taghha** ma ssemmi din it-telefonata), hi tghid li ghamlet dan sabiex tara tistax ittella' l-kelba fuq il-vapur. Jigi sottolinejat li **meta saret din it-telefonata lil Gozo Channel, Galea kienet diga` halliet il-port tal-Imgarr tant li tinqabad mis-*cell tower* f'Ghajnsielem!!** Din il-prova ixxejjen ghal kollox il-verzjoni ta' Galea quddiem il-Qorti meta tohloq l-istorja dwar il-kelba.

- Interessanti wkoll li jirrizulta tentattiv iehor maghmul minn Galea lejn dan in-numru 11:27:22am.[113] Jekk kienet gja inghatat l-informazzjoni ghaliex kellha terga' tipprova ccempel lil Gozo Channel?

- **Galea iccempel lill-*probation officer* fuq 22951325 fil 11:29:43am.**[114]

---

106 Fol.98-99
107 Fol.68
108 Ibid
109 Fol.169
110 Fol.170
111 Ibid.
112 Vide Verbal a fol.173
113 Fol.72
114 Per Annabelle Bugeja *"In-numru tal-ufficju tieghi qieghed imnizzel bhala 35622951325 u jidher li t-telefonata saret fit-8 ta' Mejju, 2018 fil-11 :29 :34"*, a fol.176

- Galea tipprova iccempel lil Mallia 15:22:39am[115] filwaqt li hemm bosta telefonati u messaggi bejn Galea u ommha (99475657) li jibdew fis-sighat bikrin tat-8 ta' Mejju.[116]

(v) Dawn il-provi juru li Galea halliet il-port tal-Imgarr xi hin bejn 10.33:55 u 10:52:14am. Dan ifisser li **telqet mill-kju fil-hin li kienet qed issir it-telefonata anonima** u minn tal-inqas **40 minuta qabel** ma cemplet lill-*Probation Officer* u cioe` fil-11:29am.[117]

(vi) X'hin ghamlet it-telefonata lil Gozo Channel **ma kienitx fil-kju izda kienet diga halliet il-port tal-Mgarr, u telghet ir-Rabat** tant li tinqabad mis-*cell towers* ta' Victoria, Arkadia u Ghajnsielem b'din il-kronologija.

(vii) **X'gghelha taghmel dan jekk mhux li kienet konsapevoli tat-telefonata li saret? X'wassal ghal din il-premonizzjoni??** Ghaliex halliet il-Port tal-Imgarr fil-10:52am u kienet ir-Rabat jekk fil-11:30am suppost kellha appuntament mal-*probation officer* fil-**11:30am** u meta it-telefonata lill-*probation officer* saret biss fil-**11:29am**?

(viii) Galea halliet il-kju ferm qabel ma sar maghruf li kien hemm theddida. Il-verita` hi li Galea ma kienitx intenzjonata tinzel Malta u mohha hadem kif hadem minghajr ma qiset li xorta kien ser ikollha tissottometti ruhha ghal *urine tests* gewwa Ghawdex.

Fil-fatt ghalkemm il-*probation officer* informata li kellha taghmel it-*tests* l-OASI, din minflok qabdet u marret, spiccat tmur, kif jixhed Noel Scerri bejn is-2pm u t-3pm. Ghalkemm hi ssemmi li marret dak il-hin ghaliex selfet il-vettura taghha lil habib taghha li kien kaccatur, dan ma giex kkorroborat lanqas tant li din il-persuna tibqa' ma tigix identifikata.

Il-Qorti temmen li l-imputata baqghet tittratjeni milli tmur l-OASI sakemm ma setghetx taghmel mod iehor.

(ix) Ma jaghmel l-ebda sens li hi bilfors riedet tinzel Malta, kif tikkontendi fix-xhieda taghha, sabiex igib id-droga u biex tiffirma l-*bail book*. Dwar

---

[115] Ibid.
[116] Fol.67-68
[117] Vide **Dok.MG** a fol.66. Annabelle Bugeja tindika n-numru 22951325 bhala dak tal-ufficju taghha.

> il-*bail book* gja ntqal li mhux minnu li ma kienitx Malta t-Tnejn 7 ta' Mejju, ghax inqabdet mis-*cell towers* hi u tiela lura Ghawdex.
>
> Dwar il-fatt li riedet tinzel biex iggib id-droga, ma kien hemm xejn li jipprekludi lil Mallia milli johodilha hu kif kien gja ghamel propju fil-weekend. Dan tixhdu hi stess *"So the bomb threat happened on a Tuesday, the weekend before that Ronald had come up to Gozo to my flat to give me...he got my staff [recte: stuff] up my drugs".*[118]

Fuq dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li mhemmx dubbju li, kif jixhed Mallia - gja` kkundannat ghas-sehem tieghu fl-akkadut u fejn ma giex pruvat imqarr remotament ghaliex dan kellu jinseg gidba bhal din kontra habibtu - kienet l-imputata li talbitu jaghmel it-telefonata anonima sabiex tevita li tinzel taghmel il-*urine test* Malta. L-imputata ma setghetx tipprevedi li Bugeja kienet ser tibghata taghmel it-tests l-OASI. Kif qalet lil Mallia li kienet imcappsa bid-droga w ghalhekk ma rieditx tinzel Malta, dawn it-tests wrew– li din kienet **posittiva** kemm ghall-erojina kif ukoll ghal kokajina.[119] Kien propju dan il-fatt li riedet jibqa' mistur. Talvolta li kienet ser tinkixef li abbuzat mid-droga u b'hekk kissret l-ordni ta' supervizjoni provizzorju mahrug fil-konfront taghha, bezghet li b'dan kienet ser tippregudika l-posizzjoni taghha.

## Il-Ligi

Imiss issa li jigu kkunsidrati l-imputazzjonijiet addebitati lil Galea li qed tigi akkuzata bhala komplici fl-imputazzjonijiet 1 sa 4. Ghalhekk qabel mal-Qorti tghaddi biex tevalwa l-provi fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, ser tibda biex taghmel xi konsiderazzjonijiet dwar il-figura tal-komplici, anke tenut kont li x-xhieda ta' Mallia tibqa' xhieda ta' komplici.

## Il-Komplici

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Omissis, Jason Galea** kkunsidrat:[120]

> Illi permezz ta'l-introduzzjoni tas-sub-inciz 3 ghall-artikolu 639 permezz ta'l-Att XVI tal-2006, ma hemmx aktar il-htiega illi x-xhieda tal-komplici tkun korroborata izda wahedha hija bizzejjed

118 Fol.192-193
119 Fol.143-144
120 Deciza 31.05.2017 Per Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell Nru: 434 / 2016

diment illi min hu imsejjah biex jiggudika jimxi b'kawtela kbira qabel ma jigi biex jistrieh fuqha sabiex isejjes sejbien ta' htija. Dan ghaliex:

*"Din hija xhieda permessa bil-ligi, u sta ghall-Qorti li qed tisma' l-kaz li tqis din ix-xhieda fil-kuntest tal-kaz li tkun qed tittratta. Din il-Qorti ma tarax li, bil-fatt biss, li xhieda ta' komplici hija permessa qed jinkiser id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq. Komplici hija persuna li tista' titressaq bhala xhud bhal kull persuna ohra, basta, ovvjament, li l-akkuzat ikollu l-istess possibilita' ta' kontroll jew kontestazzjoni tal-persuna, kif ghandu f'kaz ta' kwalunkwe xhud iehor. Il-ligi trid, fl-artikolu 639(3), li jekk il-kaz kontra akkuzat tkun bazata biss fuq xhieda ta' komplici, min ikun irid jiddeciedi fuq il-htija, iqis dik ix-xhieda b'certa kawtela …. Ma jistax, pero', jinghad li xhieda ta' komplici hija, a priori, mhux permessibbli. Dik hija testimonjanza ta' persuna li, minhabba l-istat taghha ta' komplici, tkun, forsi, taf l-aktar fuq il-kaz, u ma ghandhiex tigi eskluza minhabba f'hekk. Il-principju ta' "equality of arms", ma jkunx gie mittiefes bil-fatt li tali xhieda tkun permessibbli, ghax dan ix-xhud huwa suggett ghall-iskrutinju miz-zewg nahat kif isir fil-kaz ta' kull xhud iehor. Il-kaz li x-xhieda ta' komplici tista' tkun "tainted" minhabba varji cirkostanzi, tista' tinghad fil-konfront ta' kull xhud, u l-Qorti li quddiemha jkun ghaddej il-kaz, hija zgur kompetenti biex tevalwa x-xhieda, tqis l-affidabilita' tax-xhud, u tikkunsidra dik il-prova fid-dawl tal-provi l-ohra tal-kaz[121]."*

Premess dan allura l-Ewwel Qorti setghet bid-debita kawtela taghti affidament lix-xhieda tal-komplici u tiskarta dik tal-appellanti. Ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti meta wasslet biex taghmel dan, fid-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi, imxiet b'mod legger u ma qiestix il-provi kollha li kien hemm fl-atti. Fil-fatt is-sentenza motivata u studjata moghtija mill-Ewwel Qorti taghmel ezami approfondit tal-provi kollha li kien hemm fl-atti u ta' kull dettall u dan sabiex tissostanzja il-konvinciment morali taghha dwar il-veracita tal-fatti li kienu qed jigu esposti mill-komplici.

Kien ghalhekk li fil-kaz in dezamina, il-Qorti ma strahietx unikament fuq ix-xhieda ta' Mallia, izda qiset b'reqqa l-provi l-ohra kollha b'mod partikolari dak li stqarret l-imputata fiz-zewg interrogazzjonijiet u kif dak li stqarret ivvarja mix-xhieda moghtija *viva voce*.

Determinanti wkoll kienet l-analizi kondotta mill-Qorti tal-*call logs* u senjatament tal-*localization data*. Dawn il-provi wasslu lil Qorti tiddetermina li ghandha tinghata kredibbilita` w affidabilita` lil Mallia filwaqt li l-istess provi jimminaw il-verzjoni ta' Galea, verzjoni li f'hafna partijiet, partikolarment fl-interrogazzjoni, hi nieqsa minn konsistenza u msewsa b'kontradizzjonijiet. Ta' spiss l-ispetturi baqghu ma nghatawx spjegazzjoni ghall-certu agir tal-imputata, b'mod partikolari **kif l-imputata kienet gja' halliet il-Port tal-Mgarr u telghet ir-Rabat fl-istess hinijiet li saret it-telefonata minn Mallia** lid-depot.

Dik il-Qorti fis-sentenza citata, li kienet titratta r-reat ta' serq, kompliet hekk:

Issa l-figura tal-komplici hija ta "*dak li ghalkemm ma jippartecipax materjalment fis-serqa … jaghmel xi haga, bi ftehim maghhom, jigifieri jkun hemm il-ftehim minn qabel maghhom, biex jghinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, anke min ikun qieghed jghinhom fit-twettiq tas-*

[121] Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonal) – Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Patrick Spiteri deciza 25/05/2012 (ref.66/2011)

*serqa per ezempju billi joqghod ghassa barra. …. Jew inkella, dejjem bi ftehim maghhom, jew fil-preparazzjoni jew fit-twettiq tas-serqa, jew jghinhom, pero` dejjem bi ftehim minn qabel maghhom, biex wara s-serqa jaharbu, jew biex ma jinqabdux jew biex jiddisponu mir-refurtiva. L-importanti huwa naturalment li jkun hemm il-ftehim minn qabel."* .... Ma hux necessarju illi l-komplici jkun prezenti fuq ix-xena tad-delitt basta li jkun offra dik l-ghajnuna bi ftehim minn qabel.

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lisa Pace, Omissis**:[122]

> Illi huwa sabbilit fl-gurisprudenza taghna li biex persuna tinstab hatja bhala komplici jrid jirrisulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni – cioe` pruvat lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni – li din il-persuna (i) kienet taf li l-awtur tad-delitt ser iwettaq dak id-delitt u (ii) li hi deliberatament ghinitha biex hekk iwettaq d-delitt billi ghamet xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li dik il-persuna marret ma'l-awtur tad-delitt, u anke kienet fuq il-post waqt il-kommissjoni tad-delitt, ma jfissirx necessarjament li hija kienet taf x'kellhu f'mohhu. Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[123] (sottolinejar ta' din il-Qorti)

Mill-assjem tal-provi, il-Qorti temmen li Galea kienet instigat lil Mallia jaghmel it-telefonata billi weghditu li thallsu. Il-fatt li kif jirrizulta mic-*chats* li esebiet l-abbli difiza,[124]ghalkemm xahar qabel u cioe` fil-5 t'April, Galea tghid lil Mallia li kienet *broke* u kien ser ikollha titla tghix Ghawdex, bl-ammissjoni taghha stess hi baqghet tixtri drogi minghandu. Ghalhekk kif kienet thallas ghad-droga minkejja li tghid li kienet *broke*, ma kien hemm xejn li pprekludiha mill-possibilita` li thallsu ghat-telefonata li ghamel ghaliha.

Mallia jixhed *"Qaltli biex incempel lil Gozo Channel ghax hi kellha Probation Officer u halli ma tinzilx hawn Malta biex il-vapur jieqaf tipo biex naghmel it-telefonata u kienet ser thallasni biex naghmilha?*[125]*....* ***Kelli bzonn il-flus dak iz-zmien****.... hi dakinhar stess qaltli biex naghmilha, hi* ***qaltli kif taghmilha naghtik il-flus****."*[126] Wara li kien iddecieda li ma jaghmilx it-telefona *"Bdiet tghidli jekk jogghbok u x'naf jien,* ***qaltli ha naghtik xi haga ohra....Iktar minn elf u spiccajt ghamilt t-telefonata.***[127]***.....Qaltli li kienet fil-que, li tipo rnexxiet, mhux niezla.... Imbaghad kienet qaltli li meta ser tinzel Malta kienet ser taghtini l-flus.".***[128]

---

122 Per Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deciza 9 ta' Jannar 2012.
123 Ref **Il-Pulizija vs Carmelo Agius**, Appell Kriminali, deciz 24.05.2002
124 Fol.292 et seq
125 Fol.166
126 Fol.167
127 Fol.169
128 Fol.170

Ghaldaqstant il-komplicita` ta' Galea tinkwadra fil-paragrafi (a)(b) u (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali.

1. **L-Ewwel Akkuza: Komplicita` fir-reat ravvizat bl-artikolu 110(2).**

L-artikolu 110(2) jipprovdi

> (2) Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar,jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena.

Mill-provi prodotti ma jirrizulta minn imkien li f'dan il-kaz inholqu xi tracci ta' reat. Il-Qorti ghalhekk trid tara jekk tirrizultax id-denunzja.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Marthese Schembri**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) intqal:[129]

> **L-artikolu 110(2) – Is-simulazzjoni tar-reat**
>
> Illi it-tieni akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputata tinkwadra ruhha fir-reat ikkontemplata fl-artikolu 110(2) u cioe' is-simulazzjoni tar-reat. Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz ta'l-Ordinanza IX ta'l-1911 u giet imfassla fil-maggior parti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan ta'l-1889. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi ighid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:
>
> ***"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. ... This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged ... (*sottolinjar tal-Qorti*). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. ... Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation.(*sottolinjar tal-Qorti*)"***
>
> Illi fis-sentenza hawn fuq iccitata Il-Pulizija vs David Mizzi jinghad is-segwenti fuq dina d-disposizzjoni tal-ligi:
>
> ***"Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indirecta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta'reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-***

[129] Deciza 02.02.11 per Magistrat Dr. Edwina Grima

***simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."***

Illi maghmulha dina l-esposizzjoni legali ta' dan ir-reat, hawnhekk ukoll, l-elementi legali li jsawwru dana ir-reat lanqas ma jirrizultaw f'dana il-kaz peress illi minn imkien ma irrizulta illi l-imputata kienet qed tipprova tohloq xi tracci ta' reat jew inkella illi kienet qed tipprova tohloq b'mod qarrieqi xi provi foloz jew iddenunzjat lill-pulizija xi reat li taf li ma sehhx. Mhux biss hekk izda l-imputata tindika il-persuna suspettata u ghalhekk certament l-akkuza ma hijiex legalment sostenibbli fid-dawl tal-fatti kif sehhew. Dana ir-reat jippostula sitwazzjoni fejn persuna tivvinta li sar xi reat jew bil-qerq tohloq xi provi jew tracci li sehh xi reat bhal per ezempju il-kaz li isehh ta' sikwit fl-edificju tal-Qorti fejn persuna taghmel rapport anonimu illi hemm xi bomba fl-edificju tal-Qorti, li hija s-simulazzjoni verbali jew diretta. Jew inkella li sabiex jivvinta li sofra serqa mid-dar tieghu, l-agent ikisser is-serratura, ihalli xi sellum ma' xi hajt jew inkella johloq it-taqlib sabiex il-pulizija jibdew jaghmlu l-investigazzjonijiet dwar ir-reat tas-serq - din hija s-simulazzjoni rejali u indiretta. Illi <u>l-ghan ta'l-artikolu 110(2) huwa li jippenalizza il-persuna illi jivvinta li sar reat kemm b'mod verbali kif ukoll materjali, sabiex b'hekk jinbdew investigazzjonijiet kriminali bl-ghan li jigi accertat il-kummissjoni ta' dana l-allegat reat</u>. Il-Professur Mamo ighid:

"***The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person.***"
(sottolinejar ta' din il-Qorti)

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Carmel Camilleri** moghtija mill-istess Qorti diversament preseduta:[130]

Mit-traskrizzjoni tat-telefonata in kwistjoni jirrizulta li l-imputat kien qed jirraporta it-tqeghid ta' bomba fl-edificji tal-Qorti u tal-Isptar. Jibda sabiex jinghad li bombi m'humiex xi haga li wiehed jistenna jew jipretendi li jsib fl-Isptar jew fl-edificcju tal-Qorti u ghalhekk rapport li tqeghdet bomba fl-imsemmija edificji bil-konsegwenzi possibilita' li din tisplodi u tikkawza hsarat kemm fl-istrutturi jew inkella griehi lin-nies li jinstabu f'tali edificcji certament li jammonta ghal denunzja ta' reat ghaliex it-tqeghid ta' bomba f'dawn l-edificcji tammonta ghal reat prosegwibbli kriminalment. L-agir tal-Pulizija wara li rceviet it-telefonata tal-imputat ikompli isahahh dan l-argument fis-sens illi wara li rceviet ir-rapport maghmul mill-imputat il-Pulizija procediet sabiex tindaga dwar dan ir-rapport u sabiex taghti struzzjonijiet halli jigu evakwati l-edificcji koncernati sabex isir it-tfittix ghall-bomba li giet rappurtata li kienet fl-imsemmija edificcji. Kieku verament instabu bombi fl-edificji tal-Qorti u tal-Isptar zgur li kienu jittiehdu proceduri kriminali fil-konfronti tal-persuni responsabbli ghat-tqeghid ta' tali bombi ghal attentat ta' hsara volontarja u ghall-attentat ta' tqeghid ta' perikolu tal-hajja tan-nies prezenti fl-imsemmija edificji. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni rnexxilha tressaq il-provi li l-imputat iddenunzja reat lil Pulizija Ezekuttiva meta kien jaf li dan ir-reat ma sehhx u huwa ghalhekk qed jinstab hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Fil-kaz odjern sar maghruf li l-operazzjoni ta' tfittxija permezz ta' pulizija inkluz mid-*Dogs Section* kif ukoll minn ufficjali tal-Armata, kemm f'Malta u kemm f'Ghawdex, damet ghal bejn <u>tlieta jew erba'</u> sighat. **PC75 Kevin Saliba**

[130] Deciza 27 ta' Frar, 2009 per Magistrat Dr. Audrey Demicoli

filwaqt li ppresenta rapport maghmul minnu,[131] iddeskriva kif wara li dahhlet it-telefonata sar kowordinament mal-pulizja stazzjonati l-Mgarr biex jinfurmaw l-Gozo Channel u tigi evakwata l-*area* sakemm din giet ezaminata mill-EOD (*explosive ordinance disposal*) f'Ghawdex.[132] **PC493 Rennie Farrugia**, stazzjonat id-*Dogs section*, akkumpanja ufficjali mill-EOD meta saret tfittxija fuq il-Gaudos li kien ic-Cirkewwa. It-tfittxija giet estiza ghal Ghawdex kif ukoll fuq il-vetturi kollha. Kompla it-tfittxija fuq il-vapur Ta' Pinu, il-moll, fit-*terminal* u fuq il-vetturi kollha, liema tfittxija intemmet ghal xi-3pm.[133] **George Borg** xehed li l-vjaggi regghu bdew fis-2.30pm mic-Cirkewwa u mill-Imgarr fit-02:45pm.[134]

Mhemmx dubbju ghalhekk li giet pruvata l-ewwel imputazzjoni in kwantu li saret denunzja lill-Pulizija Ezekuttiva ta' reat li kien maghruf li ma kienx sehh u l-imputata rrendiet ruha komplici f'dak l-ghemil.

## 2. It-Tieni Imputazzjoni: Komplicita` fir-reat ravvizat bl-artikolu 251(3)

Preliminarjament ghandu jigi rilevat li ghalkemm l-imputazzjoni kif migjuba tipprospetta li *"Ronald Mallia bl-imgieba tieghu.......messu kien jaf li l-imgieba tieghu",* din id-dicitura ma ssib ebda riskontru fl-artikolu 251(3) tal-Kodici Kriminali li jigi citat fl-imputazzjoni, izda fl-artikolu 251B tal-Kodici. Fil-fatt l-artikolu 251 innifsu ma jaghmel l-ebda riferenza ghar-rekwizit tal *"imgieba"*, simili bhala ma jigi espressament provdut fl-artikoli 251A sa 251BA tal-Kodici Kriminali, it-tnejn inkluzi.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Carmela Micallef** deċiża mill-Imħallef William Harding nhar is-16 t'April 1955:

> Fil-kaz prezenti, l-ufficjal prosekutur uza lokuzzjoni ibrida, u li ma ssibx ebda korrispondenza fit-test tal-ligi, la f'inciz wiehed u anqas fl-iehor; u meta hu hekk, il-konsegwenza hi "nullum crimen sine lege" ....
>
> ..... jehtieg li tigi abbundanata darba ghal dejjem din id-drawwa li tigi uzata mill-ufficjal prosekutur lokuzzjoni spurja, li ma ssibx riskontru taghha fil-ligi, u li biha l-Prosekuzzjoni qiesha trid li l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' fatt li, kif formulat, ma jaqghax that ebda dispozizzjoni tal-ligi.......
>
> Imma jehtieg li fl-imputazzjoni r-reat jigi formulat skond il-ligi altrimenti reat ma hemmx; ghax il-kliem inventati mill-ufficjal prosekutur, u mhux in konformita mal-ligi, ma joholqux reat.[135]

---

[131] **Dok.KS** a fol.123-124
[132] Fol.121
[133] Fol.125-126
[134] Fol.163
[135] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol. XXXIXE(1955), p.1015

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ukoll kellha okkazzjoni tittratta dan il-punt fis-sentenza taghha IL-**Pulizija vs Eusebio Buhagiar** u ddecidiet:

> Għaldaqstant ir-reat ipotizzat bl-ebda mod, għajr ħlief permezz t'immaġinazzjoni fertilissima, ma jista' jintegra dan ir-reat.
>
> Biss minkejja li ġie ipotizzat dan ir-reat taħt dak l-Artikolu, jirriżulta li l-lokuzzjoni użata mill-Prosekuzzjoni ma tirrispekkjax dan l-Artikolu u huwa ferm diffiċli għal din il-Qorti tifhem kif il-Prosekuzzjoni tista' tirrikonċilja l-imputazzjoni mal-Artikolu minnha ċitat.[136]

Sentenza ohra f'dan is-sens moghtija mill-istess Qorti kienet dik **Il-Pulizija vs Christopher Abela:**

> Iżda minn qari tal-imputazzjoni jirriżulta li l-kliem użat f'din l-imputazzjoni jirrifletti aktar ir-reat ta' fastidju aktar milli r-reat ta' daqq ta' strumenti tal-mużika jew għajjat fit-triq jew fi ħwienet. Għalkemm huwa minnu li hemm ġurisprudenza paċifika li ċ-ċitazzjoni hija ritenuta bħala "*avviso a comparire*", mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tinjora li l-azzjoni hija ta' natura penali u għalhekk irid ikun hemm ċerta preċiżjoni fil-mod ta' kif imputazzjoni tiġi redatta u dan sabiex l-imputat ikun jista' jiddefendi ruħu għaliha. ….. Bħal ma ġara f'dak il-każ, f'dan il-każ, il-lokuzzjoni tal-imputazzjoni tgħaqqad fiha biċċa minn reat u biċċa minn reat ieħor. Il-Qorti Kriminali kienet tenniet li din il-lokuzzjoni ibrida ma ssibx korrispondenza fit-test tal-Liġi, la f'inċiż wieħed u l-anqas f'ieħor u meta hu hekk il-konsegwenza hija li "*nullum crimen sine lege*". Għalhekk ikkonkludiet li r-reat irid ikun formulat skont il-Liġi għax altrimenti reat ma hemmx. [137]

Kwindi fuq dan l-insenjament qatt ma tista tinstab htija tal-imputata fuq din l-imputazzjoni hekk kif ifformulata.

Madanakollu l-Qorti tkun qed tonqos jekk b'dan tkun qed taghti l-impressjoni li ghajr ghal dan id-difett procedurali, setghet, abbazi tal-provi migjuba, tinstab htija fl-imputata. Dan mhu xejn minnu. Il-provi migjuba jeskludu li fl-imputata, jew sahansitra f'Mallia, l-awtur propju tad-delitt, f'xi hin nibtet din l-intenzjoni specifika li bl-ghemil taghhom jikkawżaw f'ħaddieħor biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu.

Mill-banda l-ohra jekk il-prosekuzzjoni kienet qed tipprospetta r-reat ravvizat bl-artiklu 251B tal-Kodici Kriminali dan kien jinnecesita` li tigi pruvata l-*"imgieba"* u cioe` *"a course of conduct".*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef** il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) rriteniet is-segwenti:[138]

---

136, per Magistrat Dr. Aaron M. Bugeja Deciza 03.06.2016.
137 Deciza 04.10.2016
138 Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [17.02.2011].

"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:

**"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Illi l-ligi ghalhekk fl-artiklu 251B tal-Kodici Kriminali titkellem dwar "imgieba", *a course of conduct,* u minn dina l-esposizzjoni legali jirrizulta illi dan ir-reat ma jisussistix jekk dan ikun xi incident izolat kif fil-fatt huwa il-kaz in ezami tenut kont li din l-imputazzjoni hi marbuta ma perjodu specifiku w fejn mill-provi jirrizulta li dan kien incident izolat.

Ghaldaqstant l-imputata qed tigi liberata minn din l-imputazzjoni.

3. **<u>It-Tielet u r-Raba Imputazzjoni: Komplicita` fir-reati ravvizati bl-artikolu 48(1)(d) u l-artikolu 49(a)(c) tal-*Att biex jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi*</u>**

Mill-provi akkwiziti gie ampjament ppruvat li saret theddida permezz ta' telephone.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fil-kaz **Il-Pulizija vs Dr. Etienne Calleja,** ittrattat id-disposizzjoni taht l-artikolu 48(1)(d) li qabel l-emendi w rinumerar mill-gdid li sar f'dan l-Att kienet tikkorispondi mal-artikolu 35(1)(d) ta' dak l-Att:[139]

> Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li l-akkuza kif impostata (Sic!) ma tinkwadrax ruha fl-artikolu 35(1)(d) tal-Kap.399.Illi l-akkuza kif dedotta kontra l-appellant u li taghha nstab hati mhix dik kontravvenzjonali ta' min jaghmel lil haddiehor theddid mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali kontemplata fl-artikolu 339 (e) tal-Kap.9, imma akkuza li tidher, kemm mid-dicitura taghha kif ukoll mill-artikolu citat mill-Ewwel Qorti, bazata fuq l-art.35 (1) (d) tal-Kap.399, l-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici (qabel imsejjah Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, Att XXXIII tal-1997 kif emendat bl-Att XIX tal-1998; XVIII tal-2000; VI tal-2001; XXVII tal-2002 ; IX tal-2003 u VII tal-2004).
>
> Dan is-sub-sub inciz jghid li persuna li tuza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahrugu minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella tuzah b' mod mhux kif imiss, tkun hatja ta' reat that dak l-Att u tista', meta tinstab hatja, tehel multa ta' mhux izjed minn LM10,000 (qabel LM5000) u fil-kaz ta' reat permanenti ghal multa ta' mhux izjed minn LM200 ghal kull jum li matulu jkompli r-reat......

---

[139] Onor. Imhallef Dr. J. Galea Debono; Deciza 22.08.2007; Appell Kriminali Numru. 102/2007. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Edgar Publius Bonnici Cachia** per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deciza 26.03.2015; Kumpilazzjoni Nru. 219/2011 fejn dik il-Qorti wara li ccitat mill-istess sentenza hawn fuq riprodotta ziedet:

> *Illi dan il-principju baqa jigi japplikat u assodat mill-Qrati taghna tul is-snin b'mod li llum l-Kapitolu 399 jipprovdi b'mod specifiku ghal minn juza mezzi eletronici biex jdejjaq, joffendi jew jhedded lil haddiehor [Dan permezz tal-artikolu 49].*
> *Illi fil-kaz in ezami l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat uza mezzi elettronici: il-mobile phone u l-internet (tramite l-emails), biex idejjaq u jhedded lil Farrugia. Huwa car, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq kwotata, li din ir-raba imputazzjoni, kif dedotta, ma tistax tirrizulta.*

Issa dan is-sub sub-inciz jigi wara tlieta' ohra (a) (b) u (c) li fihom fis-sustanza wiehed isib ir-reati kontemplati fl-artikolu 34 (1) kif kien qabel l-emendi li saru bl-Att VII tas-sena 2004, meta dawn ingabru fl-erba sub incizi tal-artikolu 35 (1) illum (u kif kienu vigenti fiz-zmien tal-allegat reat) Dawn huma r-reati segwenti :-

(a) ta' min jibni, isewwi izomm f' kondizzjoni tajba , jibdel jew jikkontrolla xi apparat jew installazzjoni minghajr ma jkollu xi kwalifika mehtiega ghal dak l-iskop (b) ta' min ibiegh jew joffri ghall-biegh jew jipprovdi jew jistalla jew juza xi istallazzjoni jew apparat li ma jkunx jikkonforma ma tali *standards* jew specifikazzjonijiet teknici skond ma huma mehtiega jew stabbiliti f' dak l-Att jew tahtu; jew ikollu tassew ragjonevolment ghaliex jahseb li jkun difettuz jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu imbieghu, gew provvduti, installati jew uzati , u (c) ta' min jipprovdi xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettronici jew jistalla jew ihaddem xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' dak l-Att jew bi ksur ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti b' dak l-Att jew tahtu .

Ikkonsidrat;
Illi dawn ir-reati w ohrajn li jinsabu fis-subartikoli (2) (3) u 4) huma deskritti fin-nota marginali bhala "Reati ta' xorta kriminali **specifici** ghall-komunikazzjonijiet elettronici" (emfasi ta' din il-Qorti).

Illi moqri fid-dawl tal-import tas-sub sub-incizi (a) (b) (c) li jippreceduh, u tas-sub artikolu (2) (3) u (4) li jsegwuh jidher car li s-sub sub inciz (d) qed jikkontempla uzu ta' network jew apparat li bhall-dawk li jissemmew qabel, mhumiex awtorizzati, jew ghax mhumiex teknikament korretti, jew ghax ma jsirux minn persuni kwalifikati, jew ghax ma jkunux teknikament kompatibbli ma servizzi ohra, eccetera. Jidher li l-ghan tal-ligi specjali f' dan l-artikolu mhux li johloq jew jippunixxi b' mod aktar sever u gravuz reati kriminali li jinsabu f' ligijiet ohra li jsiru b' mezzi ta' telekomunikazzjoni, kif qed tinterpreta dan is-sub sub inciz (1) (d) tal-artikolu 35 il-Prosekuzzjoni, imma biex tipprevjeni abbuzi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-interpretazzjoni tal **eiusdem generis**, jidher car li issub sub inciz (d) mhu xejn hlief aspett iehor tar-reati ta' natura teknika kontemplati fis-sub sub-incizi (a) (b) u ( c ) u reati ohra intizi biex jolqtu specifikatament it-thaddim ta' sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici w ma jissema blebda mod u ma jiccentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat iehor kontemplat f' xi ligi ohra.

U bil-fors li jkun hekk ghax ma jaghmilx sens li min jhedded verbalment li xi hadd ikun punibbli b' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira jew sa xaharejn detenzjoni, mentri jekk it-theddida ssir ukoll verbalment imma bit-telephone ikun passibbli ghall-multa sa ghaxart elef lira Maltin (LM10,000).

Hu car ghalhek li l-kliem **" ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih"** u "**jew tuzah b' mod mhux kif imiss"** f' dan is-sub sub-inciz ma jirriferix ghall-kommissjoni ta' xi reat iehor bl-uzu tat-telephone, imma ghall-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoniijiet elettronici fornut minn impriza mhux ghal-ghan tekniku, awtorizzat, kompatibbi, eccetera, jew ghall xi forma ta' abbuz iehor, imma dejjem fl-isfera tar-reati ta' l-istess natura teknika komprizi fis-sub-sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra krejati fis-subartikoli (2) (3) u (4) li kollha jirrigwardaw abbuzi ohra bhal min jaghti informazzjoni falza jew qarrieqa (2); ta' impjegat ma xi impriza li tati informazzjoni dwar messaggi li jsir jaf bihom minnhabba l-kariga li jkollu, jibdel jew jahbi jew jommetti, jdewwem jew jostruwixxi milli jwassal xi messagg jew jeqred xi messagg jew ihassar jew jeqred xi messagg li ma jkunx indirizzat lilu, eccetera (3) jew inkella ta' min jattakka jew jostruwixxi xi impjegat ta' impriza fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu (4).

Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ghan veru tar-reati kontemplati f' din it-Taqsima tal-Kap.399.

> Illi umbaghad hu principju baziku w fondamentali li fit-termini tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi reat tkun accessibbli u cara, w li jkun hemm dak li jissejjah *"legal certainty."* Dan certament ma jkunx il-kaz jekk fis-sub subinciz jkunu jistghu jigu *"attached"* xi dispozizzjonijiet ohra li jikkontemplaw reati ohra kriminali skond ma jkun jidhrilha opportun il-prosekuzzjoni minn kaz ghall-kaz w dan bl-iskuza tal-uzu tal-kliem generiku: *"ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih"* u/jew *"b'mod mhux kif imiss"* adoperat fl-art. 35(1) (d).
>
> Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti anki kieku, ghall-grazzja tal-argument, il-kliem inkriminat kellu jitqies bhala kliem ta' theddid, il-prosekuzzjoni kien imissha pprocediet skond l-artikolu 339 (e) fuq imsemmi u mhux taht l-art. 35 tal-Kap. 399.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament u tenut kont tal-fatti specie ta' dan il-kaz, tista' tinstab htija biss in kwantu ghat-tielet imputazzjoni.

### 4. Il-hames Imputazzjoni: Pussess ta' droga erojina

Fix-xhieda taghha Galea tammetti li fuq il-persuna taghha nstabet bicca *smack* li kienet harqet zmien qabel *"it was smack, it's old, it's burnt...Heroin".*[140] **Il-Professur Emanuel Sinagra** kkonferma li fuq *foil* li giet mghoddija lilu fuq ordni tal-Qorti, instabu tracci tal-erojina.[141] Galea tkompli *"It was in a rosary pouch, a very old one, that I used ages ago.... From an old pouch that was in my bag."*[142]

Dan ifisser li fuqha instabet biss evidenza li xi zmien qabel hi kienet fil-pussess ta' din id-droga. Minn imkien ma jirrizulta – galadarba l-prosekuzzjoni ghazlet li tabbina dan il-fatt ma data, lok u hin specifiku limitat ghal-14 ta' Mejju, 2018 fil-Lock Up – li hi kienet fil-pussess tad-droga. F'dak il-hin u jum determinat, kif imputat lilha fic-citazzjoni, **Galea instabet fil-pussess mhux tad-droga *per se* izda biss ta' evidenza li xi zmien qabel kellha fil-pussess taghha l-erojina.**

Ghaldaqstant ma tistax tinstab htija fuq din l-imputazzjoni hekk kif postulata. Kien ikun mod iehor li kieku l-imputazzjoni provdiet ghal zmien qabel l-14 ta' Mejju, 2018.

### 5. Is-sitt Imputazzjoni: Ksur tal-*Bail Conditions*

---

[140] Fol.118
[141] Fol.146-147; Rapport **Dok.ES** a fol.148 et seq.
[142] Fol.100-101

**L-Ispettur Mark Mercieca** pprezenta kopja tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest tal-imputata,[143] moghtija fil-kors ta' proceduri penali istitwiti kontra taghha mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea fit-22 ta' Frar, 2018, f'liema proceduri x-xhud kien l-ufficjal prosekutur u ghaldaqtant ikkonferma l-identita` taghha.[144] Is-somma komplessiva ta' €5,500 nghatat bhala garanzija.

In vista tal-fatt li jirrizulta li l-imputata wettqet ir-reati addebitati lilha bl-ewwel u bit-tielet imputazzjoni, u dan fiz-zmien li kienet *in vigore, inter alia,* il-kundizzjoni moghtija b'digriet tat-22 ta' Frar, 2018, li l-imputata ma tikkomettix delitt iehor ta' natura volontarja,[145] din l-imputazzjoni giet soddisfacentment ippruvata.

Madanakollu filwaqt li jirrizulta li dawn il-proceduri intemmu b'decizjoni tal-11 ta' Gunju, 2019,[146] li taghha l-Qorti hadet *judicial notice*, il-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova jekk id-depozitu ghadux hekk iddepozitat. Galadarba dawk il-proceduri gew fi tmiemhom, il-garanzija hekk ordnata certament illum m'ghadhiex fis-sehh.

Ghalhekk il-Qorti giet prekluza kemm milli tirrevoka *contrario imperio* id-digriet dwar helsien mill-arrest, kif ukoll li tikkonfiska favur il-Gvern ta' Malta dik is-somma.

**<u>Il-Piena</u>**

Fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena, l-Qorti qiset dak li xehdet **Annabelle Bugeja** kif ukoll it-tabib Zammit Montebello. Bugeja spjegat il-progress li ghamlet l-imputata minn meta bdiet tigi segwita mill-*probation officer* fi Frar, 2018. Semmiet kif Galea kienet ilha mahkuma mill-problema tad-droga sa minn kwazi tmien (8) snin qabel, bil-problema tiskala fl-ahhar sena u nofs. *"Pero' irrid nghid Sinjura li matul dawn l-ahhar tmien xhur, Joel Galea stabbilizzat fejn jidhol l-abbuz tad-droga hekk kif kienet qed tinstab, testijiet tal-urina li kienu qed jittiehdu fi hdan id-dipartiment kienu qed jinstabu fin-negattiv ghall-kokaina, kannabis u eroina. Madanakollu Sinjura bhal sajjetta fil-bnazzi li nista' nghid f'test tal-urina li ttiehed matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport li huwa fit-13 ta' Gunju ta' din is-sena irrizulta fil-posittiv ghall-kannabis….. bhala pjan ta' kura qisu hemm indikat li irid jigi rikonoxxut il-progress minn naha taghha ghaliex sar progress u dan irid ukoll*

143 **Dok.MM** a fol.142
144 Fol.140-141
145 Para.4 a fol.142
146 Kumpilazzjoni numru 132/2018 CG; Vide ukoll Social Enquiry Report a fol.237

*jigi kkonsolidat permezz ta' aktar ghajnuna u support..".*[147] Fil-konkluzzjoni taghha x-xhud sahqet l-importanza li l-progress li sar ma jintilifx u ghalhekk l-imputat kienet tinhtieg moniteragg kontinwu sabiex ma tergax tissokkombi ghall-vizzju tad-droga u tissokta b'hajja aktar sana.[148]

Fuq rakkomandazzjoni tal-*Probation Officer*, il-Qorti semghet it-tobba kuranti ta' Galea. **Dr. John Zammit Montebello** kkonferma li kien ilu tabib kuranti tal-imputata ghal erba (4) snin. Jispjega li kienet dipendenti fuq l-erojina li ghaliha kellha *addiction.* Jiddeskrivi l-imgieba taghha bhala wahda karaterizzata minn *"chaotic substance abuse, heroin addiction, IV drug abuse with both chaotic behaviour, dysfunctional behaviour resulting from that, dysfunctional relationships anka ma ommha u missierha, dysfunctional relationship bhala partnership ukoll, igifieri total dysfunctional…….. Igifieri minn meta rajtha sa llum ghamilna perjodu, xi sentejn ilu li konna ddeterjorajna igifieri l-problema kienet kibret kemm fl-ahhar li l-familja accetaw li hemm problema kbira, kemm minhabba r-relazjzonijiet li kellha u kemm il-problema ta' droga zdiedet. F' dawn l-ahhar xhur is-sitwazzjoni ghamlet kambjament ghal ahjar. Irridu inkomplu igifieri mhux qed nghid li we are out of the woods, imma fejn li konna qeghdin ferm ahjar."*[149].

Gie kkunsidrat ukoll li fir-rigward tal-ewwel u tat-tielet akkuzi, japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati, bil-piena l-aktar gravi tkun dik ravvizata bl-ewwel imputazzjoni, u cioe` dik ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena.

In vista tax-xhieda tal-ufficjal tal-probation u tat-tabib kuranti taghha, minn fejn jirrizulta bla ombra ta' dubbju, li l-ghemil ta' Galea sehh fi zmien meta kienet mifnija mill-vizzju tad-droga u ghalhekk mhemmx dubbju li ftit setghet tqis l-konsegwenzi li l-ghemil taghha setgha' jkollu, maghdud mar-rakkomandazzjoni tal-istess ufficjal, li Galea ghandha tibbenifika minn moniteragg kontinwu filwaqt li tissokta fit-triq ta' progress li bdiet miexja fiha, il-Qorti mhux tal-fehma li Galea ghandha tinghata piena karcerarja ghalkemm il-piena li ser tigi erogata ghandha tirrifletti l-gravita` tal-ghemil taghha.

L-ghemil tal-imputata kien wiehed li qajjem paniku fil-pajjiz u mhux semplicement ghal dawk li riedu jaqsmu l-Fliegu. Bla dubbju holoq thassib ghall-*commuters* kif ukoll ghall-familjari taghhom. Kien agir li certament issarraf f'telf kbir finanzjarju u hela ta' rizorsi b'mod partikolari dawk tal-pulizija kif ukoll tal-Armata. Passiggieri li jkollhom jaqsmu bejn iz-zewg gzejjer mhux necessarjament jaghmlu dan b'kapricc jew ghad-divertiment izda l-parti

[147] Fol.232-233
[148] Fol.244
[149] Fol.284-285

l-kbira taghhom hi kostretta taghmel dan it-tragit ghall-ragunijiet ta' sahha, negozju w impjieg. Dan l-ghemil insensat w inuman, seta' kellu konsegwenzi ferm u ferm aktar gravi.

Wasal iz-zmien jigi kkunsidrat jekk ghandux ikun hemm aggravju fil-pieni applikabbli ghal reati simili, meta l-ghemil sancit ikun dirett lejn post pubbliku, lejn faċilità tal-istat jew tal-gvern, lejn faċilità infrastrutturali jew lejn xi sistema ta' trasport pubbliku; fejn l-effetti tar-reat huma ferm aktar mifruxa u jaffettwaw il-pubbliku in generali aktar u aktar meta si tratta ta' ghoti ta' servizz indispensabbli.

Maghdud dan kollu, din il-Qorti hi msejjha biex tiddeciedi esklussivament fuq ir-responsabbilita` kriminali tal-imputata. Konsiderazzjonijiet ohra, galadarba ma tqajjmux f'dan il-forum, m'ghandhomx jinghataw xi piz ulterjuri fid-decizjoni ta' din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputata mit-tieni, mir-raba u mill-hames imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 42(a)(b)(e), 110(2) u 579(2) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 49(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, issibha hatja tal-kumplament (u cioe` tal-ewwel, tat-tielet u tas-sitt imputazzjoni), tikkundannaha **sittax-il xahar (16)** prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal **tnejn u erbghin (42) xahar** millum.

In oltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tpoggi lill-hatja taht ordni ta' supervizjoni ghal **tlett snin** u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma ssegwix id-direttivi li se jinghatawlha fil-perjodu ta' supervizjoni fuqha impost.

In vista tal-kondsiderazzjonijiet maghmula, kopja ta'din is-sentenza ghandha tintbghat lil Onor.Ministru Ghall-Gustizzja.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Magistrat**